**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, id-9 ta' Mejju 2022**

**IL-PULIZIJA**

**VS**

**GARY FALZON**

(I.D. 56892(M))

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Gary Falzon**, ta' ghoxrin (20) sena, iben Carmel u Rose Marie *nee'* Micallef, imwieled il-Pieta', nhar il-11 ta' Jannar, 1992, residenti gewwa 9, *FairField*, Triq Ta' Giorni, San Giljan, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 56892M, senjatament akkuzat talli;

F'dawn il-gzejjer, bejn Awwissu 2011 u t-2 ta' April, 2012, f'hinijiet differenti:

1. Biegh jew xort'ohra ttraffika l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Art. 8 (e) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgh, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi bi ksur tal-Artikolu 22 (2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Iktar talli f'dawn il-gzejjer, fit-2 ta' April, 2012, u fil-jiem ta' qabel din id-data;

3. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Art. 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Aktar talli f'dawn il-gzejjer, fit-2 ta' April, 2012, u fis-sena ta' qabel din id-data;

4. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Art. 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1],

Rat id-digriet tal-assenjazzjonijiet ta' kawzi u doveri tal-Prim Imhallef tat-28 ta' Lulju 2021;

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet ghal-ismigh mill-gdid tax-xhieda mismugha viva-voce minn dina l-Qorti diversament preseduta[2];

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

Xehed l-**ispettur Malcolm Bondin** li xehed dwar l-investigazzjonijiet relatati mal-kaz odjern u l-fatti li waslu ghall-arrest tal-qua imputat, Gary Falzon. Huwa jispjega li fit-2 t'April 2012 l-pulizija ezegwiet mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront ta' Omisiss Omisiss minn San Giljan. Meta marret biex tezegwixxi l-istess mandat il-pulizija sabet lil Omisiss rieqed filwaqt li fil-kamra mieghu kien hemm ukoll il-qua imputat, Gary Falzon. Mit-tfittxija li saret fuq il-post instabu xi oggetti relatati mat-tehid tal-Cannabis kif ukoll xi pakketti tad-droga Cannabis. Kemm Omisiss kif ukoll Falzon gew arrestati mill-pulizija. L-ispettur Bondin ezebixxa ukoll is-sustanza misjuba fil-pussess ta' Falzon (Dok. MB); dikjarazzjoni ghar-rifjut tal-assistenza legali (Dok. MB1) u zewgt stqarrijiet tal-imputat (Dok MB2 u MB3).

[1] Fol. 4 tal-atti processwali.
[2] Fol. 207 tal-atti processwali.

Xehdu **PS323 Cedric Buhagiar u PS635 Alan Calleja** rigward it-tfittxijiet maghmula minnhom kif ukoll l-involviment taghhom fl-investigazzjonijiet relatati mal-kaz odjern. Huma ddikjaraw li dahlu fir-residenza ta' Omisiss f'tas-Sliema ghall-habta tat-8.15am nhar it-2 ta' April 2012. Huma sabu lill-qua imputat u lil Omisiss reqdin fil-kamra tas-sodda f'dan l-appartament. Saret tfittxija fi prezenza t'omm Omisiss fejn instabu pakketti mimlijin sustanza suspettata cannabis resin u pakketti bi tracci ta' cannabis. PS 323 Cedric Buhagiar jghid li iktar tard saret tfittxija fir-residenza tal-qua imputat Falzon li rrizultat fin-negattiv. Min-naha l-ohra PS635 Alan Calleja jghid li minn tfittxija li saret fir-residenza ta' Falzon instabu affaraijiet relatati mad-droga fosthhom "*hafna joints u roaches*"[3]

Xehdu ukoll l-ispettur **Herman Mula u PC1183 Cedric Buhagiar**. L-ispettur Herman Mula ikkonferma l-volontarjeta' tad-dikjarazzjoni ghar-rifjut tal-parir legali filwaqt li PC1183 Buhagiar ikkonferma l-volontarjeta' tal-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat.

Gew ipprezentati numru ta' **stqarrijiet guramentati mehuda ai termini tas-subartikolu 24A(12) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta**. Dawn l-istqarrijiet guramentati huma ta' Alexander Hickey, Omissis, Jean Marc Portanier u tal-qua imputat Gary Falzon. Omissis xehed viva voce fil-proceduri odjerni filwaqt li Alexander Hickey u Jean Marc Portanier baqghu qatt ma xehdu viva voce fil-proceduri odjerni galadarba ghad ghandhom fil-konfront taghhom proceduri kriminali pendenti rigwardanti l-fatti mertu tal-proceduri odjerni.

**Omissis**, fix-xhieda tieghu viva voce quddiem din il-Qorti, jikkonferma fl-intier taghha l-istqarrija guramentata rrillaxata quddiem il-Magistrat nhar it-3 t'April 2022. Huwa kkonferma ukoll li lura fis-sena 2012 kien gie arrestat flimkien mal-qua imputat. Jghid li f'dak il-perjodu huwa kellu 17-il sena u kien juza l-Cannabis. Jispjega ukoll li dak iz-zmien il-familja tieghu kellhom problemi finanzjarji. Jghid li l-qua imputat kien offrielu li jbiegh is-sustanza Cannabis ghalih (ghal Falzon) u dana bi profit (ghal Omissis). Jispjega li huwa kien ibiegh kemm pjanta Cannabis kif ukoll raza tal-Cannabis u dan lejn l-ahhar tas-sena 2011 (Ottubru) u l-bidu tas-sena 2012 (sal-arrest taghhom). Huwa spjega li l-qua imputat kien jghaddielu l-Cannabis sabiex huwa jbieghha b'margini ta' profit ghall-istess Omisiss. Fl-istqarrija guramentata li huwa kkonferma waqt li kien qed jixhed viva voce huwa qal li bhala ammonti kien qed ibiegh bejn 5 u 10 grammi fil-gimgha u dan bejn Ottubru u Dicembru 2011. Fil-bidu tas-sena 2012 huwa naqas drastikament l-ammont li kien qed ibiegh ghal bejn 3 u 4 grammi fil-gimgha.

[3] Fol. 33 tal-atti processwali.

Xehed ukoll l-ispizjar **Godwin Sammut** li kien nominat bhala espert minn dina l-Qorti bil-ghan li janalizza s-sustanza ezebieta u mmarkata bhala Dok. MB. Sammut fil-konkluzzjonijiet tieghu ddikjara li:

> *"Illi fuq estratt mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar li hemm fid-dokument 073_16_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Il-piz tal-haxix kien ta' 2.03 grammi u l-purita' kienet ta' circa 6.0%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[4]

**Ikkunsidrat ukoll:**

**i. Stqarrijiet u xhieda guramentata tal-Imputat**

Illi fir-rigward tat-talba tal-imputat maghmula fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2022, fl-ewwel lok, jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat nhar it-2 u it-3 t'April 2012 u x-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Dr. Francesco Depasquale nhar it-3 ta' April 2012.

Mill-atti processwali jirrizulta li qabel it-tehid taz-zewgt stqarrijiet hawn fuq imsemmija mill-pulizija, l-imputat irrifjuta d-dritt li jkellem u jikkonsulta ma avukat jew prokuratur legali tal-ghazla tieghu sa massimu ta' siegha qabel l-interrogazzjoni. In sostenn ta' dan giet ipprezentata dikjarazzjoni (Dok. MB1) iffirmata mill-imputat fil-prezenza ta' diversi xhieda. L-ispettur Herman Mula kkonferma l-volontarjeta' tal-imsemmija dikjarazzjoni. Dawn l-istqarrijiet jidher li ttiehdu skond il-ligi vigenti ta' dak iz-zmien u cioe fis-sena 2012 u kjarament jirrizulta li l-qua imputat ma giex offrut id-dritt li jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali tal-fiducja tieghu <u>waqt</u> it-tehid tal-istqarrija u dana galadarba l-ligi vigenti dak iz-zmien dan ma kinitx tippermettih. Dina l-Qorti ma hijiex sejra tispekula x'kien jaghmel l-imputat kieku gie offrut dan il-jedd. Hu stat ta' fatt li ma giex offrut dan id-dritt u dana ghaliex il-ligi dak iz-zmien ma kinitx tippermetti li l-qua imputat ikun asistiet minn avukat waqt l-interrogatorju. Ghal kull bon fini jinghad ukoll li mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti li jzommu lill-imputat milli jkun assistiet permezz ta' avukat jew prokuratur legali waqt l-interogazzjoni tant li huwa fil-fatt gie offrut id-dritt li jikkonsulta ma avukat qabel it-tehid tal-istqarrijiet.

Illi l-guriprudenza lokali ricenti fir-rigward tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju jidher li qed tistrieh fuq l-insenjament mghoti fil-kaz **<u>Phillipe Beuze v il-Belgju</u>** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, li kien jitratta ukoll sitwazzjoni fejn il-ligi domestika relevanti ma kinitx tippermetti l-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni u fejn ma kienx hemm ragunijiet impellenti ghalfejn ma tigiex offruta l-assistenza tal-avukat. F'dan il-

---

[4] Fol. 111 tal-atti processwali.

pronunzjament il-Qorti adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistħarreġ jekk seħħitx o meno leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq u ddikjarat li l-Qorti għandha dejjem tistħarreġ iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux eżawrjenti, elenkati fid-deċiżjoni tagħha.

> *"120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see Ibrahim and Others, ... § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings ... ... ... "*
>
> *121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. ... ... ... "*
>
> *... ... ... "139. The stages of the analysis as set out in the Salduz judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case-specific decisions taken by the competent authorities.*
>
> *"140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention ... ... ... Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form ... and sometimes in greater detail ...*
>
> *"141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in Ibrahim and Others the Court consolidated the principle established by the Salduz judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see Ibrahim and Others, ... §§ 257 and 258-62).*
>
> *"144. In Ibrahim and Others the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, ... § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer ... to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the Ibrahim and Others judgment, followed by the Simeonovi judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that Salduz had laid down*

*an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the Dayanan case and other judgments against Turkey.*

*"145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer*[5] *(see Ibrahim and Others, ... § 265).......*

*"147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention ... ... ...*

*"148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.......*

*"150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ... § 274, and Simeonovi, ... § 120):*

*"(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*"(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*"(c)whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*"(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*"(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*"(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

[5] Emfazi ta' dina l-Qorti

*"(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*"(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter; "*

*(i)the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*"(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice".*

Illi galadarba l-istqarrijiet rrillaxxati mill-qua imputat gew ikkonfermati bil-gurament quddiem Magistrati ai termini tal-artikolu 24A(12) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Qorti tghamel referenza ukoll għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Mejju 2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi.** F'dak il-każ, l-imputata Josianne Azzopardi rrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fejn ghamlet diversi dikjarazzjonijiet inkriminanti, liema stqarrija hija wara kkonfermatha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat tal-Għassa. Qabel l-interrogatorju tagħha, hija ngħatat is-solita twissija skont il-liġi, iżda ma ngħatatx id-dritt li tottjeni parir legali, u wisq inqas il-jedd li tkun assistita minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) ddikjarat is-segwenti:

> *"Din il-Qorti taqbel perfettament mal-insenjament tal-Qrati fid-deċiżjonijiet ċitati. L-Avukat Ġenerali ma ġab l-ebda ġustifikazzjoni għaliex kien hemm restrizzjoni għall-aċċess tar-rikorrenti għall-avukat ħlief li l-liġi kif kienet ma kinitx tipprovdi għal tali dritt favur persuna arrestata. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti ssib illi minkejja li d-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq ma ġiex leż f'dan l-istadju, ċertament illi sseħħ leżjoni f'każ illi l-istqarrija li tat lill-pulizija fit-13 ta' Frar 2004 u dik li għamlet aktar tard dak inhar quddiem il-Maġistrat Inkwirenti jibqgħu jagħmlu parti mill-proċeduri kriminali pendenti quddiem il-Qorti referenti. Il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll illi r-rikorrenti kellha biss tmintax-il sena meta seħħ dan l-episodju u kienet l-ewwel darba li ġiet arrestata u tressqet il-Qorti, fejn mhux biss ikkonfermat l-istqarrija tagħha kif kienet mingħaliha li ser tagħmel, iżda effettivament irrilaxxat stqarrija oħra pjuttost dettaljata u dan kollu mingħajr ma kienet ingħatat xi forma ta' assistenza legali, bir-riżultat illi, kif jikkonferma wkoll l-Ispettur Josric Mifsud, hija kienet aġitata waqt li kienet qiegħda tirrilaxxa l-istqarrija tagħha.*
>
> *...*
>
> *Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li tagħmel referenza għall-fatti lamentati minn Josianne Azzopardi fit-talba għal referenza*

*kostituzzjonali fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Josianne Azzopardi li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, senjatament illi ġie mittiefes id-dritt fondamentali tagħha għal smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema lment wassal lil dik il-Qorti sabiex fl-24 ta' Frar 2016 tagħmel l-ordni ta' referenza, qiegħda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Josianne Azzopardi ma ssib li kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, madanakollu, issib illi jkun hemm ksur jekk isir użu mill-istqarrija li tat ir-rikorrenti lill-pulizija dakinhar tat-13 ta' Frar 2004 u l-istqarrija li tat quddiem il-Maġistrat Inkwerenti fl-istess jum, fil-proċeduri kriminali de quo. Għalhekk qiegħda tibgħat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tkompli tisma' u tiddeċiedi skont kif intqal f'din ir-referenza."* [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs. Kevin Sammut** (16 ta' Frar 2022), saret referenza ghas-sentenza hawn fuq citata ta' Bueze vs. Belgium u ddikjarat:

*"12. Illi f'dan il-kwadru ta' fatti, huwa indubitat illi l-istqarrija pre-trial magħmula mill-appellat, kif sussegwentement minnu ġġuramentata, hija prova determinanti f'dan il-proċess penali u dan għaliex din hija inkriminatorja. L-appellat fil-mument li kien arrestat jidher li kien ferm vulnerabbli, għalkemm kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti kien raġel matur ta' tmienja u għoxrin sena. Kien konfuż, u anzjuż. ...*

*13. Illi dan kollu seħħ, kif ingħad, u kif anke stqarret l-Ewwel Qorti fissentenza appellata, meta l-appellat ma kellu ebda dritt li jiddefendi ruħu permezz ta' xi forma ta' assistenza legali, bit-twissija li tingħata tkun dik vigenti skont il-liġi f'dak iż-żmien, u injar mill-konsegwenzi tal-mod kif kien qiegħed iwieġeb għal mistoqsijiet li kienu qed isirulu, seta' inkrimina ruħu u dan mingħajr ma kellu dik id-difiża adegwata. Dan jista' jisarraf f'preġudizzju irrimedjabbli għall-appellat għalkemm fl-Istruttorja kien debitament assistit kif ukoll fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri huwa ser ikun assistit minn avukat u ser ikollu l-opportunita' iressaq id-difiża tiegħu. Illi allura, għalkemm l-istqarrija tad-09 ta' Settembru 2009 kienet rilaxxata skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, madanakollu huwa indubitat illi din il-prova li ittieħdet meta l-appellat ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu, hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellat wieġeb għal mistqosijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għarretta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan ifisser illi għalkemm għad irid ikun iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju talproċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li lProsekuzzjoni qed tfittex li tagħmel permezz tal-istqarrija rilaxxata millappellat lil pulizija, u ftit tal-ħin wara ġġuramentata quddiem l-Inkwirenti, tista' tkun vvizzjata minħabba il-fatt*

*illi l-appellat ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq f'mument meta huwa kien vulnerabbli, u ma kienx assistit, kif indikat iktar 'il fuq, u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba. F'dan ilkaż, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu blebda mod ikunu sanati anke jekk l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrija magħmula mill-appellat miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din ilQorti twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat malpregudizzju irrimedjabbli li ser ibati l-appellat f'każ li l-istess tkun ammess, huwa indubitat illi il-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs. Avukat tal-Istat</u>** mghotija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' April 2022, nghad:

*"28. Illi kif qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2018, huwa ċar li l-istqarrijiet li ta l-appellat lill-Pulizija se jkollhom u kellhom impatt fil-proċeduri kriminali u l-eżitu tagħhom. <u>Mela dak li jgħodd għall-imsemmija stqarrijiet u l-użu li seta' jsir minnhom f'dawk il-proċeduri, issa, bis-saħħa ta' dak li qiegħed ikun deċiż f'din is-sentenza, jgħodd ukoll għall-istqarrija maħlufa mill-appellat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti</u>. Ukoll jekk l-imsemmi mpatt ma jolqotx l-ammissjonijiet li huwa għamel u tenna fuq medda ta' żmien matul il-proċeduri msemmija sa ma nħareġ lAtt tal-Akkuża (bit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392B(1) u (4) tal-Kodiċi Kriminali), <u>il-fatt li seta' jsir użu mill-istqarrija maħlufa kien jaf joħloq ħsara lill-appellat</u>. Kemm hu hekk, joħroġ ċar minn qari mqar ħafif tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-27 ta' April, 2017, li ħafna mill-kunsiderazzjonijiet magħmulin minn dik il-Qorti hija u tkejjel il-piena li kellha tagħti lill-appellat akkużat, kienu jsemmu l-imsemmija stqarrijiet u dak li jingħad fihom;*

*29. <u>Illi għalhekk din il-Qorti tqis li, ladarba b'din is-sentenza se tagħti rrimedju li lanqas ma jmissu jsir użu aktar tal-istqarrija maħlufa mirrikorrent appellat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti</u>, hekk ukoll għandha tagħti rimedju għat-tħassir tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali safejn jirrigwardaw il-kunsiderazzjonijiet li saru fiha dwar dak li l-akkużat stqarr qabel ma irreġistra għal aktar minn darba l-ammissjoni tiegħu għall-akkuzi mressqa." (emfazi ta' din il-Qorti)*

Illi hekk kif inghad iktar 'il fuq f'din is-sentenza fil-proceduri odjerni d-difiza qed tattakka kemm l-ammissibilita' tal-istqarrija kif ukoll l-ammissibilita tax-xhieda bil-gurament tal-imputat quddiem il-Magistrat Dr. Francesco Depasquale fejn ikkonferma l-istess stqarrijiet. Dan id-difiza qed taghmlu galadarba l-qua imputat ma kienx assistiet minn avukat ta' fiducja tieghu waqt l-interrogatorju u anke fid-dawl ta' l-eta ta' l-imputat dak iz-zmien fejn kien ghad kellu biss ghoxrin sena.

Minn qari tal-istqarrijiet rrillaxxati mill-qua imputat anke hekk kif ikkonfermati bil-gurament jirrizulta li l-qua imputat inkrimina lilu nnifsu fir-rigward tal-

maggor parti tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu. Kjarament jirrizulta ukoll li l-qua imputat kien ghad kellu biss ghoxrin sena u li dak iz-zmien kien ghad kellu fedina penali netta salv ghall-kundanna fuq kontravenzjoni. Illi indubbjament id-dikjarazzjonijiet li ghamel fl-istqarrijijiet tieghu anke hekk kif ikkonfermati bil-gurament ippregudikaw id-difiza tieghu.

Ghaldaqstant dina l-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tal-provi migbura u l-gurisprudenza relatata mal-valur probatorju li hija ghandha taghti l-istqarrija u l-konsegwenzjali xhieda guramentata ai termini tal-artikolu 24A(12) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, mehuda f'cirkostanzi simili ghal dawk tal-kaz odjern, partikolarment il-fatturi stabbiliti sabiex isir l-analizi tal-*overall fairness* tal-proceduri, ma hijiex tal-fehma li jkun opportun li tistrieh fuq l-istqarrija, anke jekk ikkonfermata bil-gurament, sabiex tistabillixi r-reita o meno tal-imputat ghall-imputazzjonijiet odjerni u ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tiskarta l-istess.

**ii. Xhieda Guramentata (ai termini tas-subartikolu 24A(12) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) ta' Alexander Hickey u Jean Marc Portanier**

Illi fil-proceduri odjerni l-prosekuzzjoni ezebiet xhieda guramentata ta' **Alexander Hickey**[6] u **Jean Marc Portanier**[7] ai termini tas-subartikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn iz-zewgt xhieda ghad ghandhom sallum proceduri kriminali pendenti fil-konfront taghhom u ghaldaqstant ma gew qatt prodotti mill-prosekuzzjoni sabiex jiddeponu *viva voce* fil-prezenza tal-imputat. Konsegwentament l-imputat qatt ma kellu d-dritt li jaghmel il-kontro-ezami ta' dawn iz-zewgt xhieda.

Stabbiliti dawn il-fatti, dina l-Qorti trid tevalwa l-piz tal-prova li ghandha tinghata lix-xhieda guramentata ta' Alexander Hickey u Jean Marc Portanier mehuda ai termini tal-artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mghotija fis-26 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs. Pierre Gravina</u>**, fejn gie ddikjarat:

> *"Issa, huwa principju generali li "...ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fissubartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorja li bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara* ***Il-Pulizija v. Angelo Grima*** *App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u*

[6] Dok. ODX1 – fol. 145 tal-atti processwali
[7] Dok. ODX – fol. 123 tal-atti processwali.

*li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-att ta' akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xiehda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smigh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, <u>pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodici.</u> Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li minn ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dawrha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu*

> ***does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings** ((1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41)."*

L-istess principju gie pronunzjat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2010, fl-ismijiet Ir-**<u>Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco</u>**:

> *"S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi Kriminali (eċċetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li għalih l-Artikolu 30A jagħmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Maġistrat taħt is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti meħtieġa għall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma ċari fil-portata tagħhom: id-deposizzjoni regolarment mogħtija fl-inkjesta dwar l-in genere ... tista' tingieb bhala prova, u mhux sempliċiment għall-finijiet ta' kontroll, <u>basta, pero`, li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce</u> ... ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun*

*barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab... (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646).*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Lulju 2016, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat**, b'referenza għall-Artikolu 30A tal-Kap. 101 u l-Artikolu 661 tal-Kap. 9 u wara li gew ikkonfermati l-principji stabbiliti permezz tas-sentenzi hawn fuq imsemmija, ingħad hekk:

*"Izda jekk f'dak l-istadju* (guri) *huma jiddikjaraw li ser jaghzlu li ma jixhdux biex ma jinkrimnawx irwiehom fil-process penali li jkun ghadu pendenti fil-konfront taghhom, imbaghad f'dak l-istadju il-gurati ghandhom jigu ggwidati meta jigu biex jiznu il-valur probatorju tal-istqarrijiet guramentati u dan ghaliex "The right to a fair administration of justice holds so prominent a place in a democratic society that it cannot be sacrificed to expediency."*

*Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz* ***Luca v Italy*** *[(2003) 36 EHRR 46], inghad mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-*

*"As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6."*

*Dan ifisser allura illi hemm erba' kriterji li jridu jigu ikkunsidrati:*

*1. Illi x-xhieda bhala regola trid tinghata viva voce fil-Qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita' li jikkontrolla dak li jghid ix-xhud.*

*2. Il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita` tal-istqarrija minnhom rilaxxata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-pre-trial stage u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal perezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.*

*3. L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li jkun irrilaxxjaha.*

*4. Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminanti u deciziva fil-konfront tal-persuna akkuzata."*

Stabbiliti dawn il-principji, fl-ewwel lok jinghad li fil-kaz in dezamina ma gewx osservati d-dittami tal-artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali li jistipula li:

*(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u vivavoce.*

L-unika eccezzjonijiet ghal din ir-regola huma s-segwenti (a) meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u (b) jekk ix-xhud ikun mejjet, (c) ikun barra minn Malta jew (d) ma jkunx jista' jinsab. Ic-cirkostanzi ta' Hickey u Portanier ma taqgha fl-ebda wahda minn dawn l-eccezzjonijiet. Jinghad ukoll illi minn ezami tax-xhieda guramentata mghotija kemm minn Alexander Hickey kif ukoll Jean Marc Portanier jirrizulta li ghalkemm jissemma l-qua imputat ma jinghatawx bizzejjed dettalji sabiex wiehed ikun jistgha jikkumbaca dak li nghad fix-xhieda guramentata mal-imputazzjonijiet odjerni. Di piu' kemm Hickey kif ukoll Portanier qed jaffaccjaw proceduri kriminali in konnessjoni mal-fatti mertu tal-proceduri odjerni u ghaldaqstant huwa impellenti li din il-Qorti tizen tajjeb l-imsemmija xhieda qabel ma taghzel li tistrieh fuqha ai fini ta' sejbien ta' htija jew altrimenti. Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li jkun *safe and satisfactory* li hija tistrieh fuq ix-xhieda guramentata ta' Hickey u Portanier meta l-imsemmija xhieda ma xehdux *viva voce* fil-prezenza tal-imputat hekk kif rikjest mil-ligi b'tali mod li l-istess imputat ikun jista' jikkontrolla u jaghmel il-kontro-ezami tal-istess xhieda u per konsegwenza ser tiskarta l-istess ai fini ta' kunsiderazzjonijiet dwar ir-reita o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet odjerni.

### iii. Kunsiderazzjonijiet dwar htija

Illi stabiliti l-kwistjonijiet preliminari hawn fuq imsemmija, dina l-Qorti ser tghaddi ghall-kunsiderazzjonijiet dwar ir-reita o meno tal-imputat ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu. Permezz tal-proceduri odjerni l-qua imputat qed jaffaccja akkuzi ta' (a) traffikar tal-pjanta Cannabis jew bicca minnnha u (b) dan fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgh, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; (c) pussess aggravat tal-pjanta cannabis jew bicca minnha; u (d) pussess semplici tal-pjanta cannabis jew bicca minnha.

Jibda biex jinghad li ghal dak li jirrigwardja r-raba' imputazzjoni din kienet tistrieh unikament fuq l-istqarrijiet u x-xhieda guramentata tal-imputat. Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjoni maghmula izjed 'il fuq f'din is-sentenza, galadarba dina l-Qorti ser tiskarta l-imsemmija stqarrijiet u xhieda guramentata rrillaxata mill-qua imputat u l-istess kienu l-unika prova in sostenn ta' dina l-imputazzjoni, dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat minn dina l-imputazzjoni.

B'referenza ghat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat jinghad li din tidher li tirrigwarda s-sejba tas-sustanza Cannabis waqt it-tfittxijiet maghmula mill-pulizija nhar it-2 t'April 2012. L-espert nominat Godwin Sammut jikkonkludi li fl-imsemmija sustanza instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Jikkonkludi ukoll li l-piz tal-haxix kien ta' 2.03 grammi u l-purita kienet ta' circa 6.0%. Galadarba gew skartati l-istqarrijiet u x-xhieda guramentata tal-qua imputat (fid-dawl tal-kunsiderazzjoni maghmula izjed 'il fuq f'din is-sentenza), l-unika prova rimanenti dwar din is-sejba hija xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li kienu nvoluti fit-tfittxijiet. Mix-xhieda dawn l-ufficjali tal-pulizija jirrizulta li meta huma marru biex jezegwixxu mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront ta' Omisiss Omisiss, huma sabu lill-qua imputat rieqed fil-kamra tieghu ukoll. Minn tfittxija f'din il-kamra instabet is-sustanza hawn fuq indikata. Madanakollu jrid jinghad li l-ufficjali tal-pulizija li ezegwew il-mandat u li ghamlu l-imsemmija tfittxija ma provdew l-ebda dettalji dwar ic-cirkostanzi li fihom instabet l-imsemmija sustanza. Fil-fatt l-unika nes li jista' jkun hemm bejn l-imsemmija sustanza u l-qua imputat hija li din instabet fl-istess kamra fejn hu kien rieqed flimkien mas-sid tal-kamra tas-sodda. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti ma huwiex bizzejjed sabiex wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li l-imsemmija sustanza kienet effettivament tal-imputat iktar u iktar meta wiehed jikkunsidra li l-imsemmija sustanza nstabet fil-kamra tas-sodda ta' persuna ohra. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat anke mit-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni u cioe' dik ta' traffikar tal-pjanta Cannabis jew bicca minnha, galadarba gew skartati l-istqarrijiet u x-xhieda guramentata tal-qua imputat kif ukoll ix-xhieda guramentata ta' Hickey u Portanier, l-unika prova rimanenti f'dan ir-rigward hija xhieda ta' Omisiss Omisiss. Mill-atti processwali jirrizulta li Omisiss Omisiss kien irrilaxxa xhieda guramentata lill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale nhar it-3 t'April 2012. Sussegwentament, wara li l-proceduri fil-konfront tieghu gew *res judicata,* huwa ha l-pedana tax-xhieda sabiex jixhed fil-proceduri odjerni. Fix-xhieda tieghu huwa jispjega d-diffikultajiet finanzjarji li huwa kellu dak iz-zmien. Huwa jispjega ukoll li dak iz-zmien kien juza regolari l-Cannabis grass (apparti sustanzi ohra okkazjonalment) fejn kien jikkonsma madwar 2 grammi fil-gimgha. Fil-fatt jghid li kien jiehu madwar tlett jew erbgha joints qabel ma jorqod. Huwa jispjega li ghall-habta ta' Ottubru 2011, qabel ma bdiet is-sena skolastika gewwa l-Higher Secondary, Naxxar, l-qua imputat nduna li x-xhud kellu bzonn xi flus minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu u offrielu l-possibilita li jbiegh cannabis grass bil-ghan li jaqghla ftit flus. Omisiss qabel u fil-fatt kien beda jbiegh id-droga lil shabu li hafna minnhom kienu jattendu l-Higher Secondary Naxxar jew jghixu l-Balluta. Jghid li fil-weekends gieli biegh ukoll gewwa Paceville. Omisiss jghid ukoll li

huwa kien ibiegh bejn 5 u 10 grammi fil-gimgha u dan bi profit ta' bejn Eur. 3 / Eur. 5 fuq kull gramma. Jispjega li kien baqgha ghaddej b'dan ir-rittmu sa Dicembru 2011, fejn wara l-ewwel tas-sena rrealizza li ma tantx kien jaqbilu u ghaldaqstant beda jnaqqas fl-ammont ta' sustanza li beda jbiegh. Fil-fatt jghid li wara Jannar 2012 huwa kien ibiegh bejn 3 u 4 grammi fil-gimgha, dejjem Cannabis Grass, sakemm waqaf kompletament fi Frar 2012. Fix-xhieda tieghu *viva voce* wara li l-proceduri fil-konfront tieghu gew mitmuma, jikkonferma li lura fil-perjodu ta' lejn l-ahhar tas-sena 2011 u fil-bidu tas-sena 2012 huwa flimkien mal-qua imputat kienu qed ibieghu s-sustanza Cannabis. Huwa jispjega li f'dak il-perjodu huwa kellu l-eta' ta' sbatax-il sena. Jerga' jikkonferma d-diffikultajiet finanzjarji li huwa u l-familja tieghu kienu ghaddejjin minnhom dak iz-zmien kif ukoll jikkonferma li f'dak il-perjodu huwa kien juza s-sustanza Cannabis. Huwa jikkonferma li f'dak il-perjodu l-qua imputat kien offra lix-xhud sabiex jipprovdieh bid-droga Cannabis bil-ghan li hu jkun jista' jbieghha bi profit ghalih sabiex hekk ikun jista jtejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu. Jispjega li wara li huwa kien qabel, il-qua imputat beda joffrielu l-Cannabis hekk kif indikat. Jikkonferma li huwa kien ibiegh l-imsemmija sustanza kull gimgha minkejja li jispjega li fid-dawl tat-trapass taz-zmien ma kienx qed jiftakar id-dettalji. Wara li nqratlu x-xhieda guramentata tieghu quddiem il-Magistrat Dr. Depasquale huwa kkonferma l-istess xhieda fl-interita' taghha.

Illi wara li dina l-Qorti fliet ix-xhieda ta' Omisiss b'kawtela kbira, hija tal-fehma li l-imsemmija xhieda hija wahda kredibbli u konsistenti. Fil-fatt minkejja li kien ha l-pedana tax-xhieda diversi snin wara l-akkadut huwa xorta kkonferma l-verzjoni u d-dettalji li kienu mghotija minnu fl-istadju bikri tal-investigazzjonijiet fil-konfront tieghu. Ai termini tal-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali:

> (2) *B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku lfatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Mill-imsemmija xhieda bazikament jirrizulta li l-qua imputat offra u ssupplixxa / provda lix-xhud Omisiss Omisiss bil-pjanta Cannabis bil-ghan li din tigi mibjugha lil terzi bi profit ghall-istess Omisiss. Kuntrarjament ghal dak li tallega d-difiza tal-qua imputat, fix-xhieda tieghu Omisiss Omisiss, kien car dwar id-droga li l-qua imputat kien offrielu u provdielu sabiex ibiegh lil terzi, kien car dwar il-perjodu li fih kien qed jaghmel dan kif ukoll fejn kien qed jaghmel dan. Ghal kull bon fini jinghad li skond ix-xhieda ta' Omisiss, Falzon provdielu sustanzi ohra apparti l-Cannabis Grass madanakollu dina l-Qorti ser tillimita ruhha ghal dak li huwa relevanti fid-dawl tal-akkuzi dedotti mill-prosekuzzjoni.

Illi l-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti definitzzjoni ta' 'traffikar':

*(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, <u>id-distribuzzjoni,</u> il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, <u>il-provvista</u>, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza: (sottolinear ta' din il-Qorti).*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marvin Cachia</u>**, gie ritenut:-

*"Il-Qorti tosserva qabel xejn li meta wiehed ikollu d-droga (f'dan il-kaz raza tal-cannabis) u jew jaqsamha ma' haddiehor (anke jekk mhux ghall-flus jew xi korrispettiv iehor) jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha, ikun hemm traffikar skond il-ligi. Anke jekk wiehed ihalli d-droga f'post accessibbli ghal terzi u fejn jaf li x'aktarx ser tittiehed minn haddiehor, u din effettivament hekk tittiehed, ikun hemm traffikar".*

Fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Il-Pulizija vs. Nathan John Farrugia</u>** mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Lulju 2014 nghad ukoll:

*"Dan ifisser, kwindi, illi dik il-lista illi ssegwi wara mhiex ezawrienti u jista' jkun hemm sitwazzjonijiet illi mhumiex inkluzi f'din id-definizzjoni li ukoll jinkwadraw bhala traffikar. <u>Hu ovvju li l-ligi trid timpedixxi kull forma ta' transazzjoni illi tinvolvi d-droga</u>. U meta wiehed ipartat droga ma' ohra <u>jkun qieghed jipprovdi lil terz droga illi qabel ma kellux</u>. F'dan il-kaz gie allegat mill-istess appellant illi Mangion kien qallu illi kellu xi haga gdida u ghalhekk l-appellant ried jipprova din "ix-xi haga gdida" u ipprovda droga lil Mangion biex dan tal-ahhar jipprovdilu dak illi ried. Veru illi hawnhekk ma sarx skambju ta' flus; però sar skambju ta' droga u dan huwa l-korrispettiv. L-appellant ipprovda droga lil Mangion u li dan tal-ahhar hallsu billi tah droga ohra. Dan it-tpartit huwa skambju ekonomiku f'kull sens tal-ligi u jaqa' nettament taht id-definizzjoni ta' traffikar kif esposta mill-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi fid-dawl ta' dak suespost u t-testimonjanza ta' Omisiss, dina l-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li l-qua imputat forna / provda ('supplied' fit-test Ingliz) lil Omisiss Omisiss bis-sustanza pjanta Cannabis bil-ghan li dan ikun jistgha jerggha jbieghhom lil terzi bi profitt. Ghaldaqstant dina l-Qorti ser issib lill-qua imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

Illi fid-dawl tal-konkluzzjoni fil-paragrafu precedenti ghal dan, dina l-Qorti ser taghmel referenza l-aggravju dedott fil-konfront tal-qua imputat li huwa abbinat mal-ewwel imputazzjoni u cioe' t-tieni imputazzjoni li permezz taghha l-qua imputat jinsab akkuzat li traffika l-pjanta Cannabis jew bicca minnnha fi jew

gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgh, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalkemm mill-provi prodotti, partikolarment mix-xhieda ta' Omisiss jirrizulta li Omisiss biegh l-imsemmija sustanzi f'postijiet fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh, dina l-Qorti ma ghandha l-ebda prova sal-grad rikjest mil-ligi li l-qua imputat kien konsapevoli ta' dan il-fatt u cioe' li d-droga qed tinbiegh t'tali postijiet. Illi mix-xhieda ta' Omisiss jirrizulta li fiz-zmien l-akkadut huwa kellu l-eta' ta' sbatax-il sena u ghaldaqstant meqjus minorenni fid-dawl tal-aggravju hawn fuq imsemmi. Madanakollu l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova dan sal-grad rikjest mil-ligi billi tipprezenta certifikat tat-twelid tal-istess Omisiss. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, dina l-Qorti ha tkun qed tillibera lill-qua imputat mit-tieni imputazzjoni.

**iv. Kunsiderazzjonijiet dwar Piena.**

Illi mill-atti processwali odjerni jirrizulta li l-prosekuzzjoni ddikjarat f'diversi okkazzjonijiet li l-qua imputat ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn analizi tal-atti processwali jirrizulta ukoll li l-prosekuzzjoni qatt ma ddikjarat il-ghaliex ikkoncediet li l-qua imputat jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Irid jinghad ukoll li meta l-qua imputat talab lil dina l-Qorti tisfilza l-istqarrijiet li huwa rrillaxxa lill-pulizija flimkien max-xhieda guramentata tieghu quddiem il-Magistrat, il-prosekuzzjoni fl-ebda hin ma ddikjarat li qed tirtira l-beneficcju tal-artikolu 29 tal-Kap. 101. Ghaldaqstant tenut kont dak suespost, partikolarment galadarba ma jirrizultax specifikament li l-beneficcju tal-artikolu 29 nghatax biss minhabba l-istqarrija guramentata tal-imputat (tant li l-prosekuzzjoni ma talbitx li dina tigi rtirata meta ntalbet l-isfilz tal-istess) dina l-Qorti xorta ser tapplika l-beneficcju tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 u dana minkejja li iktar 'il fuq f'din is-sentenza ddikjarat li ai fini ta' reita o meno tal-qua imputat qed tiskarta l-kontenut tal-istqarrijiet irrilaxxati lill-pulizija u xhieda guramentata quddiem il-Magistrat. Madanakollu tenut kont li dina l-Qorti ma jirrizultaliex il-ghaliex il-prosekuzzjoni ghamlet tali dikjarazzjoni u anke tenut kont li l-istqarrija guramentata li kienet tinkrimina lil terzi giet skartata fuq talba tal-istess imputat, dina l-Qorti ser tnaqqas il-piena b'applikazzjoni tal-imsemmi artikolu 29 bi grad wiehed biss.

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tikkunsidra c-cirkostanzi u n-natura ferm gravi tar-reat li tieghu l-qua imputat qed jinsab hati. Il-Qorti qed tikkunsidra ukoll l-irwol li kellu l-imputat fejn mill-provi prodotti jirrizulta li l-qua imputat kien qed

jissuplixxi persuna ohra bil-ghan li dan il-persuna jissuplixxi diversi persuni bid-droga Cannabis.

Illi Qorti ser tqis ukoll l-eta' li qua imputat kellu meta gew kommessi r-reati odjerni kif ukoll it-trapass taz-zmien mill-allegati reati.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti wara li rat l-artikoli relevanti tal-ligi senjatament l-artikolu 8(e) u s-subartikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **qeghda tillibera lil qua imputat Gary Falzon mit-tieni, t-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li qed issibu hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf Euro (€1000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar millum. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-uzu tad-droga, esebiti bhala Dokument MB, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**